**(viii) Il-ġbir, il-kumpilazzjoni, it-tqassim u l-ippubblikar ta' l-istatistika**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta jiġbor u jikkumpila firxa sħiħa ta' statistika monetarja, finanzjarja u statistika oħra makroekonomika skond *standards* Ewropej u oħrajn internazzjonali. Il-Bank hu awtorizzat biex jaqdi dawn il-funzjonijiet abbażi ta' l-artikolu 24 ta' l-Att tal-Bank Ċentrali ta' Malta (Kap 204), kif amendat. Barra minn hekk, l-Artiklu 5 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) poġġa fuq il-BĊE il-kompetenza sabiex, bl-għajnuna tal-banek ċentrali nazzjonali, tinġabar l-istatistika li hemm bżonn għal qadi tad-dmerijiet tas-SEBĊ, mingħand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew direttament mingħand l-aġenti ekonomiċi. Din l-istatistika hija meħtieġa għat-tfassil tal-politika, biex il-Bank iwettaq l-obbligazzjonijiet ta' l-istatistika nazzjonali u dawk internazzjonali tiegħu u għall-analiżi ekonomika u għar-riċerka kemm fil-Bank kif ukoll fl-Eurosistema. Statistika aggregata u kkonsolidata tiġi ppubblikata fil-pubblikazzjonijiet regolari tal-Bank, fis-sit elettroniku tiegħu, fil-pubblikazzjonijiet tal-BĊE u f'dawk ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.